**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-26 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 361/2022 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**AAT**

**U**

**KAT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 6 ta' Lulju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-13 ta' Dicembru tas-sena 2015 kif jirrizulta mill-anness certifikat mmarkat Dok A;*

*Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhom ebda ulied;*

*Illi l-istess partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt pubbliku in atti Nutar Dottor Luke Caruana data 7 ta' Frar tas-sena 2022 hawn anness mmarkat Dok B;*

*Illi minkejja li l-att pubbliku gie redatt aktar minn 4 xhur ilu il-partijiet ilhom jghixu separati ghal aktar minn 4 xhur. Il-partijiet ilhom separati de facto sa minn Ottubru tas-sena 2021 kif dikjarat mill-istess atti tan-Nutar Dottor Luke Caruana markat Dok B. Illi ghalhekk l-istess partijiet ilhom separati minn ma xulxin ghal aktar*

*zmien minn dak li jiddetermina l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ikun jista' jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u inoltre z-zewg partijiet qed jghixu hajja ndipendenti minn ma xulxin;*

*Illi di piu wara l-kuntratt ta' separazzjoni l-paritjiet specjalment l-mara wriet ix-xewqa li tirritorna ghall-kunjom xbubitha F.*

*Illi l-paritjiet irrinunzjaw definittivament u irrevokabbilment id-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin.*

*Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficjenti sabiex jissodisfaw l-kondizzjonijiet mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artkolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-raguni premessa:-*

1. *Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna li l-esponenti KAT terga' lura ghall-kunjom xbubitha F.*
3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien stipulat mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet halli dan l-istat ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-partijiet kif assistiti iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 21);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AAT xehed** (vide affidavit Dok C fol 21) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-it-13 ta' Dicembru 2015 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 7 ta' Frar 2022 fl-atti tan- Nutar Dr Luke Caruana izda kienu ilhom separati sa minn Ottubru 2021. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**KAT xehdet** (vide affidavit Dok D fol 22) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux***

***flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 ta' Dicembru 2015, liema zwieg jgib certifikat numru 54/2015 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4 et seqq.). Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Luke Caruana nhar is- 7 ta' Frar 2022 (vide Dok B fol 5 et seqq.) waqt li ilhom separati de facto minn Ottubru 2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 54/2015 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lil KAT tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'F' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**